MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Numru 539/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**

**NICHOLAS CACHIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Nicholas Cachia, 29 sena, iben Joseph u Bernardette nee' Polidano, imwieled Attard, data tat-twelid 06/08/75, residenti fil-fond numru 37, Triq Ic-Citru, Misrah Kola Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 359075(M),

Gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Awwissu 2004, u f'din l-ahhar sena qabel din id-data, u partijiet ohra ta' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll

jekk fiz-zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispossizjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

1) Ezercita' l-professjoni ta spizjar minghajr il-licenzja tal-President ta' Malta, skond l-artikolu 18, tal-Kap 31, tal-Ligijiet ta' Malta

2) Talli importa jew immanifatura, esporta xtara jew biegh uza jew kellu fil-pussess tieghu medicina minghajr awtorizazzjoni speciali bil-miktub mis-supretendent tas-Sahha Pubblika (31.18(3)(1))

3) Ta' jew biegh medicini preskrita minghajr ricetta ta' tabib, ta kirurgu-dentista, ta' dentista jew veterinarju, minghajr ma dawn il-medicini l-Kunsill Mediku ma kien iddispensa mill-bzonn ta' ricetta, skond is-subartikolu 1, tala-rtikolu 31, tal-Kap 31, tal-Ligijiet ta' Malta

4) Zamm ghall-bejgh, biegh jew xort'ohra innegozja f'medicinali, f'doza u bhala medikamenti, meta ma kienex spizjar jew, relattivament ghal dak il-bejgh ta' medicinali izda bla hsara tad-disposizzjonijiet u tal-limitazzjonijiet li hemm fl-artikolu 25, pharmacy technician, skond l-artikolu 89(a), tal-Kap 31, tal-Ligijiet ta' Malta,

5) Zamm ghall-bejgh, biegh jew xort'ohra innegozja f'medicinali bl-ingrossa, minghajr licenza, rinnovabbli minn sena ghal sena, mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika, skond l-artikolu 89(b), tal-Kap 31, tal-Ligijiet ta' Malta,

6) Ukoll talli fl-istess zmien, iffalsifika, cedula polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom, hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan min ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghruf b'xi atti pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta' l-artikolu 167 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta,

7) U xjentament ghamel uzu minnhom u dan bi ksur ta l-artikolu 169 tal-Kap 9, tal-ligijiet ta Malta,

8) U aktar talli, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalieh innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz, u dan bi ksur ta l-artikolu 188 tal-Kap 9, tal-ligijiet ta Malta,

9) Ukoll talli ghamel falsifikazzjonijiet ohra jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta qabel, dan it-titolu, u dan bi ksur ta l-artikolu 189 tal-Kap 9, tal-ligijiet ta Malta,

10) Ukoll talli b'mezzi kontra il-ligi, u/jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, u/jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qer iehor inganna, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' hila, u/jew krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor skond l-artikolu 308 tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal- ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JM1 u l-Ordni tal-Avukat Generali moghtija bis-sahha tas-subartikolu(2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap 31) esebita bhala Dok JM2 u nnutat li l-imputat Nicholas Cachia m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Angelo Farrugia ghall-imputat iddikjara illi, minn verifiki li ghamel mad-Direttur tal-Ufficju Nazzjonali tal-Veterinarju, jirrizulta illi l-posizzjoni illum dwar il-medicina veterinarja mertu ta' din il-kawza, mhux izjed rikjesta li jkun hemm licenzja ghall-

importazzjoni taghha u tista' tigi mixtrija facilment permezz tal-internet.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, ir-raba' akkuza, it-tmien akkuza u l-ghaxar akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, ir-raba' akkuza, it-tmien akkuza u l-ghaxar akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Johann J. Fenech ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghda tirtira it-tielet akkuza, il-hames akkuza, is-sitt akkuza, is-seba' akkuza u d-disa' akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li fl-Istqarrija tieghu l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 13 tal-Kap 464, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, artikolu 66(5) tal-Kap 458 u l-artikoli 17, 18, 188 u 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Nicholas Cachia, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, ir-raba' akkuza, it-tmien akkuza u l-ghaxar akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Johann J. Fenech iddikjara li fl-Istqarrija tieghu l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Nicholas Cachia taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoniji li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat

Nicholas Cachia ghall-piena ta' elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1165) multa.

Rigward it-tielet akkuza, il-hames akkuza, is-sitt akkuza, is-seba' akkuza u d-disa' akkuza migjuba kontra l-imputat Nicholas Cachia dawn l-imsemmija akkuzi gew irtirati mill-Prosekuzzjoni.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Nicholas Cachia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------